MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2014

Numru. 613/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON FRANCIS SULTANA**

**VS**

**JOSEPH PAUL PISANI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Paul Pisani, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 28746 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar il-11 ta` April 2014, geww Sliema Pitch, li jinsab Triq it-Torri, Sliema, f'xi hin bejn il-hamsa ta` filghaxija (17:00hrs) u l-hamsa u ghoxrin (17:20hrs), ikkommetta serq ta` flus kontanti liema serq huwa kwalifikat, bil-valur liema ammont hwa izjed minn mitejn tnejn u tletin ewro u

erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta` Michael Rolf Joachim, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 114331 (A) u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta` htija, l-imsemmi Joseph Paul Pisani ihallas lil parti offiza dak l-ammont ta` flus li jista` jigi stabbilit mill-Qorti f’dik id-direttiva bhla kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kkagunati permezz tar-reat.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261 (c), 267 u 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati fuq l-akkuzi li lilu gew addebitati.

Fir-rigward tal-piena dina l-Qorti tikkundanna lill-istess imputat sentejn (2) prigunerija sospizi ghall-erba` (4) snin ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------